# BORD DWAR IL-KONTROLL TAL-KIRI TA’ RABA

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta’ nhar l-Gimgha 23 ta’ Novembru 2001**

**Rikors numru 2B/95**

**Numru 30**

**Victor Bonavia**

**vs**

**Vincent sive Censu Gauci**

Ic-”Chairman” tal-Bord,

Ra r-rikors in esami li bih ir-rikorrenti wara li ippremetta illi huwa jikri lill-intimat l-ghalqa maghrufa Ta’ Ciampra, limiti Rabat, verso l-qbiela ta’ Lm8.00 fis-sena, pagabbli fil-15 t’Awissu ta’ kull sena, l-iskadenza prossima taghlaq fil-15 t’Awissu 1995.

Illi almenu matul dawn l-ahhar sentejn, l-istess intimat naqas li jzomm fi stat tajjeb u li jsewwi l-hitan tar-raba lilu mqabbel u ukoll bi traskuragni ikkaguna hsara fl-istess raba'.

Talab bir-rispett lil dan il-Bord joghgbu jawtorizzah jirriprendi l-pussess tar-raba' fuq imsemmi mill-poter tal-intimat u ghal dan l-iskop joghgbu jipprefiggi lill-istess intimat terminu qasir u perentorju ghall-izgumbrament.

Ra r-risposta tal-intimat (fol 3 tal-atti) li biha espona illi l-allegazzjonijiet kontentuti fir-rikors huma inveritieri u foloz.

Illi l-esponent minn dejjem zamm l-ghalqa fi stat tajjeb, ighix minnha, u jiehu medja ta' zewg nenti fis-sena.

Illi l-skop tar-rikorrent huwa li jbiegh u jinnegozja l-ghalqa, kif fil-fatt ipprova jaghmel u kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-vertenza.

Ra r-risposta (ulterjuri) tal-intimat (fol 262 ibid) li biha hu espona illi r-rikors ghar-ripresa tar-raba huwa null ghaliex ma jinkorporax iz-zewg kondizzjonijiet rikjesti ghal validita' tieghu a termini tas-sub-artikolu 4 (1) tal-Kap. 199, liema sub artikolu ma jipprovdix li ghandu jinqara jew jigi interpretat b'riserva ghal dak li hu dispost

fis-sub paragrafi l-ohra fl-istess artikolu, u ghalhekk jigi sottomess li dan il-Bord ghandu jaghti decisjoni fuq din l-eccezzjoni qabel ma jsiru provi jew indagini ulterjuri.

Ra l-atti kollha tal-kaz.

Ikkunsidra

Illi din id-decisjoni, hi limitata ghar-risposta ulterjuri tal-intimat hawn fuq citata u li tinsab a fol 262 tal-atti.

Illi l-intimat issottometta illi r-rikors in esami hu null ghax ma jinkludix iz-zewg kondizjonijiet rikjesti ghal validita tal-istess, l-artikolu 4(1) tal-Kaptiolu 199 tal-Ligijiet ta' Malta "liema sub-artikolu ma jipprovdix li ghadu jinqara' jew jigi interpretat b'riserva ghal dak li hu dispost fis-sub-paragrafi l-ohra fl-istess artikolu ......".

Ikkunsidra

Illi l-artikolu 4 (1) citat jghid testwalment "Bla hsara tad-disposizzjonijiet ta' dan l-att" f'kaz li sid il-kera jkun jrid jiehu lura il-pussess ta' art mikrija, f'nuqqas ta' ftehim bil-miktub kemm dwar tmiem il-lokazzjoni  kemm dwar kumpens dovut l-istess sid ghandu

japplika lil dan il-Bord, b'rikors, li jkun fih, ir-ragunijet dettaljata kif ukoll talba ghall-likwidazzjoni ta' kull kumpens dovut lill-kerrej, liema rikors ghandu jigi presentat mhux aktar tard minn tlett xhur qabel gheluq il-kirja.

Ikkunsidra

Illi f'dan il-kaz, jidher li:-

a) dan ir-rikors gie presentat entro it-terminu stipulat mill-ligi u kif hawn fuq citat. Difatti r-rikors "in desamina" gie presentat fit-8 ta' Frar 1995 waqt li l-kirja in kwistjoni taghlaq oltre t-tlett xhur imsemmijin specifikatament fil-15 ta 'Awissu 1995.

b) B'applikazzjoni tal-artikoli 4 (4) u (5) u in rigward talba bhal dik in esami, basat fuq l-artikolu 4 (2) (d) tal-istess ligi, ma hemm ebda kumpens dovut mis-sid lill-inkwilin. Filfatt, ma jistax jifhem kif l-artikolu 4(1) citat mill-initmat jista jigi b'xi mod applikat u interpretat minghajr ma ssir referenza ghall-artikoli 4(4) u (5) imsemmija minn fejn jidher li kumpens hu dovut biss in konnessjoni ma talba bazata fuq dak li jinghad fl-artikoli 4(2) (a) u (b) tal-istess Kapitolu 199 citat.

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk, dak kontenut fl-imsemmija risposta ulterjuri ghandu jigi michud, apparti kull kunsiderazzjoni ohra dwar jekk risposta bhal dik in esami kellhiex tigi sottomessa bil-permess ta' dan il-Bord.

Ghal dawn il-motivi jichad dak kontenut fl-imsemmija risposta ulterjuri u jordna li s-smiegh ta' dan il-kaz jitkompla skond il-ligi. Bl-ispejjes riservati.

Maruscha Baldacchino
Deputat Registratur.